# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 10 ta' April 2002

Citazzjoni numru 920/98 AJM

Kawza numru

Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta' Michael Attard Limited

Vs

Sea Malta Company Limited bhala armaturi tal-bastiment Senglea u The Cargo Handling Co Ltd.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-5 ta' Mejju 1998 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi s-socjeta' Michael Attard Limited importat minn Franza mija disgha u ghoxrin (129) vettura tal-marka Peugeot li gew trasportati ghall-vjagg lejn Malta fuq il-bastiment Sengela; illi meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-vetturi wara li l-bastiment wasal Malta fil-21 ta' Lulju 1997 irrizulta li kien hemm

in-nuqqas u l-hsarat li huma ndikati fis-Schedule tal-Information Form datat 27 ta' Frar 1998 redatt mis-surveyor tal-Institute of London Underwriters u fl-invoice ta' hames pagni datata 15 ta' Settembru 1997 kif ukoll jirrizulta fil-Gate Passes Out bin-numru A 42363 u A 42384 rispettivament datati 22 ta'Lulju 1997 u 23 ta' Lulju 1997; illi l-vetturi importati kellhom kopertura assikurattiva mas-socjeta' attrici, l-istess socjeta' attrici, kif obbligata, ghan-nuqqas u l-hsarat li garrab l-importatur, hallset is-somma ta' elf hames mija tmienja u tmenin lira maltin u tmenin centezimu (LM1588.80) li minnhom mija tmienja u ghoxrin lira(LM128) kienu survey fees u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-importatur; illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti u ghalkemm interpellati biex jassumu responsabbilita' ghad-danni, baqghu inadempjenti; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghan-nuqqas u hsarat fuq riferiti, u
2. tikkundannahom, jew min minnhom, li jhallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' LM1588.80 li minnhom LM128 kienu survey fees in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-socjeta' attrici bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni, fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn premessi.

Bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mis-socjeta attrici.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd presentata fis-6 ta' Ottubru 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici nkwantu diretti kontra is-socjeta' eccipjenti huma nfondati fil-fatt fid-dritt stante li l-merkanzija de quogiet sbakata minn fuq il-vapur bil-hsara u b'nuqqasijiet, u dan kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet Nru 94502.
2. Illi ghandha tigi ezebita l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu daqs tant iehor jigi ezebit c-cheque li bih sar l-allegat pagament mis-socjeta' attrici lis-socjeta' importatrici.
3. Illi ghandu jigi ppruvat li l-nuqqasijiet u l-hsarat dedotti fic-citazzjoni sehhew waqt li l-vetturi kienu fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess vetturi gew ikkonsenjati lis-socjeta'konvenuta ezenti mill-istess hsarat jew nuqqasijiet.
4. Illi s-socjeta' konvenuta hija ezenti minn kull responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 70 tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966 (kif emendati permezz ta' l-avviz legali numru 28/73) li jistipolali "....in the case of unit load or unitised cargo, the Director of Ports or his contractor may, subject to the provisions of this regulation, give a receipt for the quantity only of unit load received from the ship." U ai termini ta' l-Att IX tal-1973, unit load jinkludi *inter alia* "....vehicles rolled on or off a ship". Ghaldaqstant, gialadarba is-socjeta' konvenuta taghti biss ricevuta tal-kwantita, hija ma tista qatt tkun responsabbli ghan-nuqqasijiet u l-hsarat dedotti fic-citazzjoni attrici, peress illi kkonsenjat lill-importatur l-istess ammont ta' karozzi li gew sbarkati f'idejha.
5. Illi s-socjeta' konvenuta hija ezent minn kull responsabbilita' u dan ai termini ta' l-artikolu 90 u l-Iskeda tlettax (13) tar-Regolamenti tal-Port ta' l-1966, liema artikolu jipprovdi *inter alia*li

r-responsabbilita' ta' merkanzija li tigi mahzuna jew stivata fil-berah hija ta' sid l-istess merkanzija.

6. Illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex responsabbli ghall-hsarat u n-nuqqasjiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposti fuqha mill-ligi.
7. Illi l-ammont tad-danni deotti fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont.
8. Illi l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, il-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta' eccipjenti u d-dokument minnha ezebit.

Rat in-nota tas-socjeta' Sea Malta Co Ltd presentata fit-13 ta'Ottubru 1998 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta'liemahi hawn annessa.
2. Il-klawsola ta' l-ezoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta'liema l-konvenut ma hux responsabbli ghad-danni reklamati.
3. Li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-14 ta' Jannar 1999 ta' din il-Qorti diversament meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-7 ta' Mejju 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju 1999 meta giet mahtura Dr Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F'dawn il-proceduri, apparti d-dokumenti ezebiti, xhedu is-surveyor tas-socjeta' attrici, impjegat tas-socjeta' Michael Attard, sid il-vetturi importati kif ukoll Peter Bonello ghas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd. Ghas-socjeta' Sea Malta ma xhed hadd u dawn fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2000 semplicement iddikjaraw li kienet ezawrit il-provi taghha.Lanqas ma saret ebda trattazzjoni mid-difensuri tal-partijiet.

Illi mid-dokumenti ezebiti jirrizulta li waqt it-Tally li inzammet fil-21 ta' Lulju 1997 nizlu minn fuq il-vapur Senglea 129karozza tal-marka Peugeot u fuq dan id-dokument li jinsab a fol 34 tal-process, ma hemm ebda notament jew indikazzjoni li kien hemm xi hsara jew nuqqasijiet fuq il-vetturiin kwistjoni meta dawn gew skarikati min fuq il-bastiment Senglea ghal fuq il-moll . Is-socjeta' The Cargo Handling ukoll taghmel referenza ghall-Tally Sheet numru 94502, li skond hi turi li l-vetturi nivlu minn fuq il-bastiment bil-hsarat u nuqqasijiet li qed tilmenta dwarhom is-socjeta' attrici. Izda dan id-dokument, ghalkemm jissemma bhala Dok

A ma jirrizultax fil-process u lanqas ma gie ezebit fi stadju ulterjuri tal-kawza.

Illi mill-Gate Passes Out ezebiti mill-attur jirrizulta li kien hemm diversi hsarat u jew nuqqasijiet fuq il-vetturi in kwistjoni li gew innotati sew f'dawn id-dokumenti kif ukoll fis-survey li inzamm mix-xhud Mark Micallef  u liema nuqqasijiet u hsarat huma riflessi fl-invoice tas-socjeta' Michael Attard ezebita a fol 9 tal-process.

Illi sussegwentement ghal dan is-socjeta' Michael Attard giet imhallsa is-somma ta' elf erba' mija u sittin lira maltin u tmenin centezimu (LM1460.80) ghas-saldu tal-ispejjes minnha inkorsi sabiex issewwi jew tirrimpjazza l-hsarat jew nuqqasijiet u dan kif jidher mid-dok G a fol 16 tal-process u ta' dan il-pagament is-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat.

Illi dan l-ammont gie konfermat mix-xhieda ta' Mark Micallef u ma tressqet ebda prova mis-socjeta The Cargo Handling in sostenn tal-eccezzjoni taghha dwar li l-ammont reklamat huwa eccessiv.

Illi ma dan jirrizulta li r-responsabbilita' ghall-hsarat u nuqqasijiet in kwistjoni u ghalhekk ghar-risarciment tad-danni taqa' fuq is-socjeta' The Cargo Handling billi jirrizulta li dawn il-hsarat u nuqqasijiet issuccedeew waqt li l-merkanzija kienet fil-pussess taghha u mhux waqt li din kienet fil-pussess tas-Sea Malta jew waqt l-isbark. Inoltre ghandu jinghad li fil-polza ta' karigu ma jirrizulta ebda notament li l-merkanzija telghat abbord b'xi nuqqasijiet jew hsara. Konsegwentement is-socjeta' Sea Malta ghandha tigi mehlusa minn kull responsabbilita'.

Illi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mis-socjeta' The Cargo Handling a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel referenza ghad-diversi pronunzjamenti ta' dawn il-qrati fir-rigward meta dawn l-eccezzjonijiet gew michuda.

Illi dwar li spejjes tas-survey din il-Qorti gja kellha l-opportunita' li tesprimi ruhha fis-sens li dawn mhux dovuti mhux ghax ma thallsux izda billi din l-azzjoni hija istitwita mis-socjeta' attrici qua surrogata tas-socjeta' Michael Attard Ltd u jirrizulta ampjament li l-istess socjeta' attrici giet surrogata biss fl-ammont ta' LM1460.80 u xejn aktar. Ghalhekk l-ammont reklamat ghas-survey fees mhux dovut skondkif inhi impustata c-citazzjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd u filwaqt li tiddikjara li din is-socjeta' hija unikament responsabbli ghall-hsarat u/jew nuqqasijiet riskontrati fil-merkanzija fuq imsemmija, tillibera lis-socjeta' Sea Malta Co Ltd minn kull responsabbilita' u konsewgentement tikkundanna lis-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija u sittin lira maltin u tmenin centezimu (LM1460.80) in rifuzjoni tal-ammont sborsat minnha u li tieghu giet surrogata u dan bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni.

L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-ghaxra fil-mija mis-socjeta' attrici u disghin fil-mija mis-socjeta' The Cargo Handling Co Ltd.

Onor Imhallef Albert J. Magri